MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 25/2010

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Magri)**

**vs**
**Sean Zammit, 23 sena, bin George u Emanuela nee' Zammit,**
**imwieled fil-Pieta', fit-30 ta' Novembru 1986 u li joqghod 'Thank God', Triq iz-Zghar, Attard, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 544686(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Sean Zammit li gie akkuzat talli fit-8 ta' Novembru, 2003 ghall-habta tad-9.20 ta' filghaxija gewwa l-Gharb, Ghawdex flimkien ma' persuni ohra, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Fiat

Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta' Anabel Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq l-istess vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta' Anabel Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni EBD064 ghad-dannu ta' Twanny Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Twanny Sultana mill-Gharb Ghawdex skont kif iccertifika t-Tabib Maria Saliba MD ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni li giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi. Madanakollu l-Qorti tirrileva illi l-ahhar akkuza ai termini tal-artiklu 221 hija preskritta peress illi r-reat sehh f'Novembru 2008 filwaqt illi r-raba' akkuza nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel u kwindi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza;

Illli meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi r-reati sehhew meta l-imputat kien ghadu minorenni;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b), (d), (f), (g), 263, 267, 270, 271, 279(b), 280 (2), 325, 17(h), 37 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba akkuza, tiddikjara l-ahhar akkuza preskritta, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mill-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------